MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 80/2006

**Maltacom plc**

**Vs**

**Gaetano Gafa` I.D. 2052(M) u Kenneth Gafa` I.D. 241172(M) u Anthony Gafa` I.D. 994746(M) bhala werrieta ta' Josephine Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta' Frar 2006, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba` mija u tmienja u disghin Liri Maltin u seba` centezmi (Lm798.07), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Ra illi l-konvenut Gaetano Gafa gie notifikat bit-Talba u l-Avviz tas-Smiegh fil-15 ta' Frar 2006, illi l-konvenut Anthony Gafa gie notifikat bit-Talba u l-Avviz tas-Smiegh

fis-17 ta’ Frar 2006, filwaqt illi l-konvenut Kenneth Gafa gie notifikat bit-Talab u bl-Avviz tas-Smiegh fit-18 ta’ Mejju 2006.

Ra r-risposta tal-konvenut Gaetano Gafa u d-dokument minnu pprezentat fis-seduta tal-14 ta’ Novembru 2006 konsistenti minn Digriet tal-Qorti Civili – Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja;

Ra n-nota tas-socjeta` attrici Maltacom plc tal-14 ta’ Novembru 2006 li permezz taghha cediet il-kawza fil-konfront tal-konvenut Gaetano Gafa’;

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici tal-21 ta’ Marzu 2006 sabiex il-konvenut Anthony Gafa jwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra ukoll in-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici tas-6 ta’ Gunju 2006 sabiex il-konvenut Kenneth Gafa jwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti msemmija naqsu u ma dehrux la fis-seduta tal-21 ta’ Marzu 2006 u tas-6 ta’ Gunju meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni taghhom, la fis-seduta tat-3 ta’ Ottubru 2006 u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant filwaqt illi t-Tribunal jastjeni milli jiddeciedi fil-konfront ta’ Gaetano Gafa` stante illi s-socjeta` attrici cediet il-kawza fil-konfront tieghu, u peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement ippruvata fil-konfront tal-konvenuti Kenneth u Anthony Gafa`, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti Kenneth Gafa` u Anthony Gafa’ solidament u flimkien bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ seba` mija u tmienja

u disghin Liri Maltin u seba` centezmi (Lm 798.07), bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------